MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1378/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Bonavia u l-istess Joseph Bonavia (ID197752M)**

**vs**

**Emanuel Mugliett (ID62837M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Gunju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mija u wiehed u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm141.50), u dana in kawntu ghas-somma ta' wiehed u disghin lira u hamsin centezmu (Lm91.50) lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' hamsin lira (Lm50) lill-attur Joseph Bonavia, rapprezentanti danni li sofrew l-atturi meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-bettura bin-numru LAC-404 fit-3 ta'**

Settembru, 2003, gewwa l-Marsa habat mal-vettura numru DAK-763 proprjeta` tal-attur Joseph Bonavia u misjuqa minn Suzanne McDonald ikkagunat danni f'din l-istess vettura.
Dan l-incident hija responsabbli ghalih unikament l-konvenuta stante li s-sewqan taghha kiene wiehed negligenti u traskurat.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-parir (Lm15.00), u tal-ittra ufficjali tal-20 ta' April, 2004, kontra l-konvenut, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-20 ta' April, 2004, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-7 ta' Ottubru, 2004, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b'tort tal-konvenut, izda b'tort tas-sewwieq l-iehor involut fl-istess incident, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess sewwieq, u ghalhekk il-konvenut mghandux ikun ikkundannat ihallas ebda danni.

F'kull kaz, l-atturi jridu jaghmlu l-prova tad-danni rejalment subiti minnhom.
Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Semgha x-xhieda ta' PS860 Keith Caruana, Joseph Bonavia, Suzanne McDonald u Emmanuel Migliett. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :
1. Illi il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-3 ta' Settembru, 2003, fi Triq Aldo Moro, Marsa, bejn il-vettura bin-numru LAC-404 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura bin-numru DAK-763 misjuqa minn Suzanne McDonald.
2. Skond ir-Road Accident Report, Dok.A, McDonald qalet li kienet qed issuq fi Triq Aldo Moro, xegehel l-

**indicator biex iddur mar-roaundabout, meta fsalt il-vettura tal-konvenut li giet minn warajha daret fuqha u habtet maghha. Il-konvenut qal li kien qed isuq fil-karreggata ta' barra fid-direzzjoni tal-Belt, meta McDonald giet minn warajh biex taqbad ir-roundabout u dahlet fih.**

**3. Suzanne McDonald, fid-deposizzjoni taghha qalet li kienet gejja mill-ajruport, u kienet qed issuq fil-karreggata tax-xellug. Hasset li laqata xi hadd minn wara, u resqet u waqfet. Hi ntlaqtet fuq il-gemb ta' wara in-naha tas-sewwieq, cioe` tal-lemin. Hi tghid li meta sehh l-incident kienet miexja biswit it-traffic island.**

**4. Il-konvenut jghid li kien miexi fl-istess direzzjoni pero` kien fit-tieni karreggata, u meta wasal hdejn ir-roundabout ra lill-attrici gejja mix-xellug, hazditu, ipprova jiskapulha u sabha fuqu. Il-konvenut kellu hsara fuq il-gemb in-naha tax-xellug.**

**5. It-Tribunal ra wkoll l-isketch esebit. Dok.B. Meta wiehed iqies dak li qalu l-partijiet flimkien mad-danni riportati f'kull vettura, jidher illi saru zewg manuvru kontemporanji, wahda li xi ftit intralcat l-passag tal-konvenut, u l-ohra li kif jghid il-konvenut stess inhasad u ipprova jiskapulaha. Dan ta' l-ahhar juri li l-konvenut ma kienx qed jippresta attenzjoni bizzejjed ghat-traffiku ta' quddiemu. Mill-lat l-iehor it-Tribunal jirriskontra ftit ta' negligenza anke da parti tal-attrici, li ghalkemm ghamlet sinjal li ser iddur, kellha obbligu li toqghod aktar attenta qabel ma taghmel tali manuvra. Ir-responsabilita` principali ghall-akkadut hija tal-konvenut, u ghalhekk it-Tribunal qed jattribwixxi tlett kwarti tat-tort lill-istess konvenut u kwart tat-tort lill-attrici.**

**6. Id-danni jirrizultaw mid-dokumenti esebiti. State li l-konvenut kien jahti fil-grad imsemmi, jigi li l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' mija u sitt liri Maltin u tnax-il centezmu.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddikjara lill-konvenut responsabbli fi grad ta' Klett kwarti ghall-incident li sehh, u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitta u hamsin lira Maltija u tnax-il**

**centezmu (Lm56.12) u lill-attur is-somma ta' hamsin lira Maltita (Lm50.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum sad-data tal-hlas effettiv.**
**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantui ghall-tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------